MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 70/2005

**Kawza Nru: 17**

**John Curmi bhala prokuratur specjali ta' ommu l-assenti Helen Curmi.**

**-vs-**

**D & B Catering Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Jannar, 2005 li permezz taghha l-attur *nomine* ppremetta:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon, datat 2 ta' Jannar 1968, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, il-mandanti ta' l-attur, Helen Curmi, flimkien ma' ommha Alice Cassar Torreggiani llum mejta, kienu taw u kkoncedew lis-socjeta'

Marsaxlokk Land Development Company Limited b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' mija u dsatax (119)-il sena mill-1 ta' Jannar 1968, l-art gewwa Marsaxlokk kif indikat fil-pjanta annessa ma' l-imsemmi kuntratt, u dana bic-cens annwu ta' sitt mija u disa' u disghin Lira Sterlina (Stg. 699) ghall-ewwel dsatax-il sena, kif rivedibbli u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess kuntratt;

Illi sussegwentement, is-socjeta' Marsaxlokk Land Development Company Limited ittrasferiet lis-socjetajiet Walsh's (Malta) Limited, *gia'* Walsh's Malta Limited, u lil Hunter's Tower Company Limited rispettivament, l-utili dominju temporanju ghar-rimanenti perjodu ta' mija u dsatax (119)-il sena kif fuq imsemmi ta' porzjoni ta' l-art mertu tal-kuntratt tat-2 ta' Jannar 1968, tal-kejl ta' *circa* tlett elef erba' mija u seba' u sittin punt disgha erbgha metri kwadri (3,467.94 m.k.) u tal-bini msejjah 'Hunter's Tower' flimkien ma' l-art bicca art annessa mieghu tal-kejl ta' *circa* hames mija u tnejn u sittin punt zero tnejn metri kwadri (562.02 m.k.);

Illi b'kuntratt iehor tat-23 ta' Marzu 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. B**, l-imsemmija Walsh's Malta Limited u Hunter's Tower Company Limited, regghu trasferew lis-socjeta' konvenuta D&B Catering Limited, il-bini msejjah 'Hunter's Tower' flimkien maz-zewg porzjonijiet ta' art annessi maghha fuq imsemmija, u dana b'titolu ta' enfitewsi temporanja u ghar-rimanenti perjodu ta' mija u dsatax (119)-il sena dekorribbli mill-1 ta' Jannar 1968, u bic-cens annwu komplessiv ta' mija u tmenin Lira Sterlina u erbgha u sebghin *pence* (Stg.180.74p), *cioe'* s-sehem proporzjonali mic-cens originali fuq imsemmi, kif soggett ghal kundizzjonijiet ohra tal-kuntratt originali fuq imsemmi;

Illi b'effett minn Jannar ta' l-1987, saret l-ewwel zieda fic-cens kif previst fil-kuntratt originali u dan wara li l-mandanti ta' l-attur rikorriet ghall-procedura stabbilita fil-Klawsola 2(b) tal-kuntratt originali tat-2 ta' Jannar 1968, sabiex tigi ffissata r-rata riveduta ta' cens;

Illi r-rata riveduta tac-cens b'effett mill-1 ta' Jannar 1987 sal-1 ta' Jannar 2007, hija ta' erbat elef tlett mija u tnax-il Lira Sterlina u tlieta u hamsin *pence* (Stg.4,312.53p) fis-sena;

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx ic-cens dovut minnha b'effett mill-1 ta' Jannar 1986 sa l-1 ta' Jannar 1996 u effettivament hija kienet debitrici tal-mandanti ta' l-attur f'ammont ta' cens dovut ghal aktar minn sentejn, *ai termini* tal-Klawsola 7 tal-kuntratt originali;

Illi ghalhekk il-mandanti ta' l-attur kienet intavolat proceduri gudizzjarji fl-ismijiet <u>Avv. Francis Lanfranco noe vs John Dalli noe</u> (Citazzjoni Numru 2820/96), fejn talbet, *inter alia*, ix-xoljiment tal-kuntratt enfitewtiku tat-23 ta' Marzu 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, u l-hlas ta' l-ekwivalenti f'Liri Maltin tas-somma ta' tmienja u tletin elf disa' mija u tlieta u disghin Lira Sterlina u wiehed u hamsin *pence* (Stg. 38,993.51p) rapprezentanti arretrati ta' cens;

Illi fil-mori tal-kawza fuq imsemmija, is-socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm26,525.81), rapprezentanti l-ekwivalenti f'Liri Maltin tac-cens dovut ghal disa' (9) skadenzi, u *cioe'* c-cens li kien dovut fl-1 ta' Jannar 1986, fl-1 ta' Jannar 1987, l-1 ta' Jannar 1988, l-1 ta' Jannar 1989, l-1 ta' Jannar 1990, l-1 ta' Jannar 1991, l-1 ta' Jannar 1992, l-1 ta' Jannar 1993, l-1 ta' Jannar 1994, l-1 ta' Jannar 1995, u l-1 ta' Jannar 1996 fis-somma totali ta' tlieta u erbghin elf tliet mija u sitt Liri Sterlina u erba' *pence* (Stg. 43,306.04p), u dan skond kif jirrizulta mir-ricevuta datata 31 ta' Dicembru 2003, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. C**;

Illi ghalhekk, l-istess kawza giet deciza permezz ta' sentenza datata 30 ta' April 2004, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. D**, u li permezz taghha s-socjeta' konvenuta, filwaqt illi giet akkordata l-beneficcju tal-*purgazione della mora*, giet

ikkundannata thallas l-ispejjez kollha ta' l-imsemmija kawza;

Illi b'danakollu, is-socjeta' konvenuta ma hallsitx l-imghaxijiet dekorsi sal-lum fuq l-imsemmija somma ta' tlieta u erbghin elf tliet mija u sitt Liri Sterlina u erba' *pence* (Stg. 43,306.04p) rapprezentanti l-arretrati tac-cens ghall-iskadenzi mill-1 ta' Jannar 1986 sa l-1 ta' Jannar 1996, kif fuq premess;

Illi l-imghaxijiet maghluqa fuq is-somma ta' tlieta u erbghin elf tliet mija u sitt Liri Sterlina u erba' *pence* (Stg. 43,306.04p), huma dovuti mis-socjeta' konvenuta peress illi huma imghaxijiet kummercjali li jiddekorru *ipso jure* fuq ic-cens dovut, *ai termini* tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 1141(1) tal-Kodici Civili;

Illi *inoltre*, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx ukoll ic-cens dovut ghal tmien (8) skadenzi ohra, *cioe'* c-cens dovut f'Jannar 1997, Jannar 1998, Jannar 1999, Jannar 2000, Jannar 2001, Jannar 2002, Jannar 2003 u Jannar 2004;

Illi ghalhekk, is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas permess ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2004 u lilha notifikata fid-9 ta' Novembru 2004, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. E**;

Illi kien biss wara illi giet interpellata permezz ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija illi s-socjeta' konvenuta hallset, fit-12 ta' Jannar 2005, l-iskadenzi tac-cens fuq imsemmija flimkien ma' l-imghaxijiet maghluqa fuq l-iskadenzi relattivi, fis-somma komplessiva ta' sitta u erbghin elf disa' mija u ghoxrin Lira Sterlina u erbgha u ghoxrin *pence* (Stg. 46,920.24 p), skond kif jirrizulta mir-ricevuta li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. F**;

Illi mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali ghalqet skadenza ohra ta' cens, *cioe'* fl-1 ta' Jannar 2005;

Illi ghalhekk, *ai termini* tal-Klawsola 7 fuq citata, il-mandanti ta’ l-attur qeghda tezercita wkoll permezz ta’ din il-kawza, id-dritt taghha illi titlob ix-xoljiment tal-kuntratt tat-23 ta’ Marzu 1982 u r-reversjoni favur taghha ta’ l-immobbli in kwistjoni, flimkien mal-benefikati kollha;

Illi l-mandanti ta’ l-attur thoss umilment illi f’dan il-kaz ma ghandhiex terga’ tigi applikata l-*purgazione della mora* u dan ghar-ragunijiet illi jigu trattati f’aktar dettall fil-mori tal-kawza;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur *nomine*, l-imghaxijiet kummercjali dekorsi sal-31 ta’ Dicembru 2003 fuq cens li kien dovut fl-1 ta’ Jannar 1986, fl-1 ta’ Jannar 1987, l-1 ta’ Jannar 1988, l-1 ta’ Jannar 1989, l-1 ta’ Jannar 1990, l-1 ta’ Jannar 1991, l-1 ta’ Jannar 1992, l-1 ta’ Jannar 1993, l-1 ta’ Jannar 1994, l-1 ta’ Jannar 1995, u l-1 ta’ Jannar 1996, *cioe’* l-ekwivalenti f’Liri Maltin tas-somma totali ta’ tlieta u erbghin elf tliet mija u hamsa u tmenin Lira Sterlina u sebgha u hamsin *pence* (Stg. 43,385.57p);

2. Tiddikjaraha moruza fil-hlas tac-cens dovut fl-1 ta’ Jannar 2005, fis-somma ta’ erbat elef, tliet mija u tnax-il Lira Sterlina u tlieta u hamsin *pence* (Stg. 4,312.53p);

3. Tordna ghalhekk lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f’Liri Maltin tas-somma ta’ erbat elef, tliet mija u tnax-il Lira Sterlina u tlieta u hamsin *pence* (Stg. 4,312.53p);

4. Tiddikjara xolta l-koncessjoni enfitewtika maghmula permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, datat 23 ta’ Marzu 1982, a tenur tal-Klawsola Sebgha (7) ta’ l-istess Kuntratt;

5. Tordna r-reverzjoni ta’ l-art *de quo* konsistenti fil-bini maghruf bhala ‘Hunter’s Tower’ flimkien maz-zewg

porzjonijiet ta’ art annessi mieghu, kif deskritta fil-kuntratt fuq imsemmi, flimkien mal-benefikati, accessorji u l-pertinenzi taghhom kollha, a favur ta’ l-attur *nomine*;

6. Konsegwentement ghat-tielet talba, tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex is-socjeta’ konvenuta tizgombra mill-art *de quo*;

7. Tawtorizza lill-mandanti ta’ l-attur illi, f’nuqqas ta’ ottemperanza mar-raba’ talba da parti tas-socjeta’ konvenuta, tirriprendi l-pussess ta’ l-istess art, a spejjez tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali ta’ l-4 ta’ Novembru 2004, u imghaxijiet a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili fuq is-somma mitluba permezz ta’ l-ewwel talba, u imghaxijiet kummercjali fuq is-somma mitluba permezz tat-tielet talba, kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur *nomine* mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-23 ta’ Frar, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet:

1. Illi l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, fost l-ohrajn ghax hija preskritta a terminu tal-Artikolu 2156 (d) u 2156 (f) tal-Kapitlu 16.

2. Illi t-tieni u tielet talba huma ammessi.

3. Illi rigward ir-raba’ talba, kif ukoll it-talbiet enumerati hamsa sa sebgha li huma konsegwenzjali ghaliha, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni illi t-talba hamsa hija bbazata unikament fuq l-Artikolu 7 tal-Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rosario Frendo Randon tat-2 ta’ Jannar 1968 (anness bhala Dok. A mac-citazzjoni) li jikkontempla x-xoljiment tal-koncessjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ zewg skadenzi ta’ cens jew ammont ekwivalenti ghal zewg rati ta’ cens. *Ex admissis* l-unika

skadenza ta' cens li ghandha pendenti hija dik li kienet dovuta fl-1 ta' Jannar 2005. Ghalhekk huwa car illi l-atturi ma setghux jinvokaw din il-klawsola bhala bazi ghat-talba taghhom.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju, kieku t-talbiet attrici kellhom jintlaqghu, is-socjeta' konvenuta titlob il-"purgazzjoni *della mora*" a terminu ta' l-Artiklu 1519 (3).

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn John Mary Dalli, I.D. 291468(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza taghha tat-2 ta' Novembru 2005 u dik tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Novembru 2006 illi finalment iddecidiet li l-ewwel talba attrici kienet preskritta.

Semghet il-provi u rat l-affidavits prodotti.

Rat l-atti processwali, komprizi n-noti ta' l-osservazzjonijet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2008 (fejn l-Avukati trattaw ulterjorment) u tat-12 ta' Marzu 2008, li permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-talba ta' l-atturi.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mill-atti din il-kwistjoni kellha *iter* twil mhux hazin. Is-socjeta' konvenuta kienet akkwistat l-*utile dominium* tal-proprjeta' in kwistjoni fl-1982 izda ftit snin wara u ezattament fl-1986 inqalghet problema dwar kemm kellu jkun il-*canone* rivedut billi skond l-att originali dan kien marbut mal-prezz tad-deheb. Ghalhekk giet istitwita kawza li giet deciza finalment fis-sena 2004 u *in vista* ta' dan is-socjeta' konvenuta, fit-terminu impost mill-Qorti hallset l-arretrati kollha. Ma thallasx l-imghax mill-1986 sal-1996 billi dan ma ntalabx f'dik il-kawza – dan ilum huwa preskritt *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija fil-kawza odjerna. L-attur *nomine* pero' qed jitlob ukoll it-terminazzjoni ta' l-enfitewsi minhabba d-

dewmien fil-hlas. Ghandu jinghad illi fil-mori tal-kawza sar depositu ta’ l-ammont li gie dovut minn dakinhar li bdiet il-kawza, inkluz l-ammont imsemmi fit-tieni talba u *cioe’* dak ta’ l-iskadenza ta’ l-1 ta’ Jannar 2005. Fuq dawn il-fatti l-partijiet tista’ tghid jaqblu b’xi nuqqas ta’ qbil marginali li ma jaffettwa xejn il-mertu principali tal-kawza.

Analizi tan-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-attur *nomine* tindika car li huwa qed jibbaza t-talba tieghu ghar-rizoluzzjoni tal-koncessjoni enfitewtika mhux fuq il-fatt li sa dakinhar li pprezenta c-citazzjoni s-socjeta’ konvenuta kienet moruza fl-iskadenza ta’ Jannar 2005 u r-raguni ghal dan hija cara. Il-koncessjoni enfitewtika, bhal tista’ tghid il-koncessjonijiet kollha simili, jaghtu lill-koncedent id-dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni meta l-utilista jkun moruz <u>f’zewg skadenzi</u> (klawsola sebgha tal-kuntratt ta’ l-1982 in atti Nutar Joseph Darmanin). Ghalhekk zgur li l-attur ma jistax jibbaza t-talba tieghu fuq hekk biss.

L-attur *nomine* qieghed jargumenta li billi s-socjeta’ konvenuta, anke *ex admissis*, kienet moruza ghal perjodu twil u *cioe’* mill-1986 sa l-2004 il-Qorti ghandha tiehu dan in konsiderazzjoni wkoll u tordna r-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Fin-nota tieghu in fatti huwa jghid illi “*Huwa minnu li l-kawza fl-ismijet <u>Avukat Dr. Francis Lanfranco nomine vs John Dalli nomine</u> deciza fit-30 ta’ April 2004 ... kienet tittratta l-arretrati ta’ cens dovuti ... ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 1986 sa l-1 ta’ Jannar 1996 u li dawk l-arretrati thallsu kif gia’ inghad fit-30 ta’ Jannar 2003 bil-beneficcju tal-purgazzjoni della mora. B’danakollu huwa ferm sinjifikanti wkoll illi l-fatt illi l-morozita’ tas-socjeta’ konvenuta fil-hlas tac-cens baqghet tippersisti anke wara li nghatat il-beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora u fil-fatt l-iskadenzi tac-cens li kienu jaghlqu bejn l-1 ta’ Jannar 1997 u l-1 ta’ Jannar 2004 ukoll baqghu ma thallsux ghalkemm ma kinux mertu ta’ l-imsemmija kawza.*” Dan il-hlas imbaghad sar fit-12 ta’ Jannar, 2005 wara li l-attur *nomine* baghat ittra ufficjali interpellatorja. Din il-kawza allura saret ftit granet wara li sar il-hlas minhabba fost affarijiet ohra l-kwistjoni ta’ l-imghax li pero’ llum hija gudizzjarjament rizolta u jibqa’ biss it-talba ghax-xoljiment ta’ l-enfitewsi. Da parti taghha s-socjeta’ konvenuta filwaqt

li ammettiet illi fil-kors ta' dawk il-proceduri ma hallsitx il-*canone*, hija ma hallsitx dak iz-zmien billi ma kinitx taf kemm kellha thallas *stante* l-kontestazzjoni dwar l-ammont u fil-fatt hija hallset kollox meta dan kienet tafu.

Ma hemmx dubju li d-direttarju jista' jitlob flimkien il-hlas u xoljiment a bazi tal-morozita' tal-hlas. Gie infatti ritenut illi "*Dawn it-talbiet fl-istess kawza huma hekk konsentiti li jigu proposti bis-sahha ta' l-Artiklu 1519 (1) tal-Kodici Civili. Kif ritenut a propositu fid-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-25 ta' Novembru 1955 fl-ismijiet <u>Giuseppe Mifsud vs Emanuele Dingli</u>, filwaqt li jitlob id-devoluzzjoni tal-fond, il-padrun dirett jista' jitlob ukoll il-hlas tac-cnus maghluqa.*" (<u>Paul Borg et vs John Abela et</u> deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Marzu 2003.) Din hija fuq kollox repetizzjoni ta' dak li jghid l-Artiklu 1591 (1) tal-Kodici Civili u cioe' illi "*Fil-kazijiet imsemmija fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, il-padrun dirett jista' fl-istess waqt jitlob il-hall ta' l-enfitewsi u l-hlas tac-cnus maghluqa.*" Is-sub-artikolu (2) imbaghad jghid illi "*Izda l-Qorti tista f' kull wiehed minn dawn il-kazijiet taghti zmien moderat skond ic-cirkostanzi, ghal hlas tac-cnus maghluqa...*" F'dan il-kaz kif *gia'* inghad il-Qorti tat fis-sentenza illi pprecediet dik finali ta' l-2004 dan iz-zmien u s-socjeta' konvenuta hallset f'dak it-terminu.

Il-Qorti thoss illi c-cirkostanzi ta' din il-kawza m'humiex tali li hija ghandha tilqa' t-talba ghad-devoluzzjoni ghas-semplici raguni li l-attur m'huwiex qieghed jaghmel iz-zewg talbiet imsemmija f'daqqa jew *fl-istess waqt* kif tghid il-ligi, izda qed jaghmilha <u>wara</u> li *gia'* ipproceda ghall-hlas tac-cens u <u>wara</u> li effettivament thallas. Naturalment kieku s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas, l-azzjoni kienet tkun altru milli gustifikata ghaliex ma hemm xejn illi jwaqqaf lill-padrun dirett wara li jkun ghamel il-kawza ghall-hlas u ma jkunx ghadu thallas zewg skadenzi jew iktar li jitlob id-devoluzzjoni. Infatti fis-sentenza fuq imsemmija <u>Giuseppe Mifsud vs Emanuele Dingli</u> l-Qorti wara li esponiet il-principju fuq imsemmi, qalet ukoll illi "*Imma l-padrun dirett ma jistax javvanza talba ghax-xoljiment ta' l-enfitewsi jekk hu jkun sejjah lic-censwalist biex ihallas ic-cnus u dan ikun hallas dawn ic-cnus.*" Dan ghaliex allura f'dak il-mument ladarba sar il-hlas, l-

obligazzjoni tkun giet estinta. F'dan il-kaz, il-hlas sar u matul il-kors tal-kawza is-socjeta' konvenuta ddepositat ic-cnus li bdew jiddekorru taht l-awtorita' tal-Qorti. Is-socjeta' konvenuta qaghdet anke attenta biex tiddeposita l-ammont shih minghajr ma naqqset l-ammont li soltu jitnaqqas ghall-ispejjez ta' l-istess procedura.

Anke fis-sentenza citata mill-attur <u>C. Stivala Limited vs S. Cassar</u> deciza fl-4 ta' Lulju 2001, il-Qorti qalet illi "*ladarba pero' l-hlas sar ... fil-mori tal-kawza ghal darba darbtejn u bla ebda raguni ma giex accettat mis-socjeta' attrici mela allura din il-Qorti thoss li s-socjeta' attrici ghandha tirtira l-istess ammonti depositati mertu tal-kawza odjerna.*" Dan jikkonferma l-insenjament ta' **Ricci** (Vol. VIII, pagna 82) citat mill-konvenut, illi "*questa domanda e' proponibile sinche l'enfiteuta e' in mora, non lo e' piu' dopo che la mora si e' pagata mediante il pagamento o l'offerta reale degli arretrati dovuti.*"

Ghalhekk ladarba anke sar id-depositu, l-attur *nomine* m'ghadux kreditur tac-cnus u ma jistax jitlob id-devoluzzjoni tal-fond favur tieghu f'dan l-istadju u naturalment *depositu gudizzjarju validament maghmul jiswa daqs pagament* (<u>Remigio Camilleri vs Joseph Caruana Soler et</u> deciza mill-Prim'Awla fis-27 ta' April, 1965. Interessanti l-fatt li din il-kawza ddiskutiet kif kellu jsir id-depositu gudizzjarju biex issir il-purgazzjoni tal-*mora* u ghandu jinghad illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta kif *del resto gia'* inghad qaghdet attenta biex dan taghmlu fuq l-iskorta ta' din is-sentenza.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi dwar it-talbiet rimanenti attrici (u *cioe' eccetto* l-ewwel talba li *gia'* giet deciza mill-Qorti ta' l-Appell) billi filwaqt illi tilqa' t-tieni u tielet talba fl-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens pero' li dakinhar li bdew il-proceduri din kienet moruza f'dik l-iskadenza u kellha taghti dik is-somma u ghalhekk issa tawtorizza lill-attur jizbanka liberament is-somma depositata l-Qorti a saldu ta' dak l-ammont, tichad it-talbiet l-ohra kollha attrici.**

**L-ispejjez fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------